Kif ħriġt bil-ġurnal miftuħ beraħ, u fil-waqt li kont mitluf naqra l-artiklu dwar il-"GWERRA JEW PAĊI", ħassejt żewġ taptipiet fuq spallejja u kif indawwar wiċċi nara 'l Polly li nkellem jien, b'wiċċha mgħaddab li qatt ma rajtha hekk qabel.

"Li kieku ma kontx brikkun, tneħħi r-ritratt tiegħi minn ġol-kartiera u tqiegħed ta' oħra?"

"Int fejn taf x'għandi fil-kartiera?" staqsejtha jien.

"Mela ma nafx! Rajt ritratt ieħor fil-kartiera tiegħek fejn għidtli li sa tqiegħed tiegħi; urejtuli fejn qegħedtu jumejn wara."

"Imma, inti, fejn taf x'għandi? Fejn rajtha l-kartiera?", irġajt staqsejtha jien.

"Rajt il-kartiera tiegħek miftuħa għand il-bejjiegħ tal-gazzetti. Minn issa stess nitolbok tagħtini r-ritratt tiegħi lura u qisna qatt ma konna nafu 'l xulxin, la inti m'intix sinċier miegħi".

"Mela jien għandi r-ritratt tiegħek fuqi?"

"Iva, għandek, għax neħħejt tiegħi u għamilt ta' ħaddieħor floku, brikkun," weġbitni hi.

Mn'Alla dik l-għodwa kont qomt nofsi maħlul għax ma nafx x'kien isir wara li rat x'kelli fil-kartiera ta' ħija, li kien iżomm tant sigrieta.

Ir-ritratt li rat ma kienx ħlief ritratt ta' wiċċ impitter u mfaħħar minn artisti kbar għad-dellijiet sbieħ u ta' min jistmah għall-ħarsa tassew naturali li fih. Ħija tant kien jgħożżu dan ir-ritratt li kien poġġieh fil-kartiera. Polly ħasbet li l-kartiera kienet tiegħi u li neħħejt ir-ritratt tagħha biex inqiegħed ta' xi ħaddieħor.

Tistgħu taħsbu kif sirt jien u aktar x'sar wara meta ħija sab il-ġlekk bl-affarijiet ta' ġo fih imgerfxin, li kienu swewlu tant xogħol u taħbil il-moħħ.

Ma nafx kif kont ħadtha bil-ħlewwa lil Polly u fissirtilha x'kienet il-biċċa. Kieku ma nafx x'kien isir minna t-tnejn u iktar minn Polly, li issa hi marti, f'dik il-għodwa, wara li qgħadt naħseb x'sa jagħmel ħija la jqum u ma jsibx il-ġlekk tiegħu u meta jilbsu jsibu kollu mgerfex.

---

**NOTA**: Dan l-*essay* kien inqara fuq ir-Rediffusion f'Diċembru 1952, fi programm tal-*Għaqda Kittieba Żgħażagħ*.

Il-fatti li fih dan l-*essay* huma kollha immaġinarji.—L-AWTUR.



# TLIET POEŻIJI QOSRA

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

## GĦADA JISBAĦ XORTA WAĦDA

Għada jisbaħ xorta waħda
jekk għall-ħajja ma nqumx jien,
u bħal qabel jibqa' kollox
kullimkien.
Fost il-ħemel ta' miljuni
mewt ta' wieħed ma tidhirx
u lil-Kotra ferriħija
ma twerwirx.
Jiena biss inħoss il-bidla—
għax kif ngħib taħt xiber trab
l-uġigħ kollu ta' żgħożiti
ikun għab.
25. 4. 53.

## ĠEJJIN ID-DGĦAJJES

Mix-xefaq blù fil-b'għod ġejjin id-dgħajjes
bil-qlugħ minfuħ bir-riħ,
u kull sajjied iħares lejn il-qabda
tal-ħut ifuħ u jgħanni bla mistrieħ.
Maġenb ix-xtajta hawn jien bid-dgħajsa tiegħi
tistenna jitla' l-qlugħ
biex iġġerrini lejn ix-xtajta l-oħra
li la naf hix tal-ferħ l-anqas tad-dmugħ.
5. 4. 53.

## IL-KOTRA U Ż-ŻMIEN

"Ta'aw fija poëta li jhennikom?"
staqsejt lill-Kotra li semmajtha għanjieti;
u l-Kotra għajtet "Iva! Iva!"—u kitbet
waħda mill-isbaħ paġni ta' ġrajjieti.
"U inti tara wkoll fija poeta?"
staqsejt liż-Żmien kif rajtu għaddej minn ħdejja;
Ma weġibnix. Tbissimli ftit, u waħħal
id-dawl ta' ħbub għajnejh fil-blù t'għajnejja.

30. 12. 52.